# PROGRAMM LULJU 2010

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 1** | **Beatu Nazju Falzon**<br>7.30pm Ħin għall-qrar fil-Knisja Parrokkjali |
| **Il-Ġimgħa 2** | **S. Tumas Appostlu**<br>**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**<br>Tqarbin tal-Morda<br>7.00pm Quddiesa u Adorazzjoni |
| **Il-Ħadd 4** | **Birthday ta' Fr Robert Grech (33)** |
| **It-Tnejn 5** | 7.30pm Kunsill Pastorali Parrokkjali |
| **It-Tlieta 6** | 7.30pm Kummissjoni Kultura u Ambjent<br>Laqgħa ta' Preparazzjoni għall-Magħmudija |
| **L-Erbgħa 7** | Attività soċjali għall-koppji mexxejja tal-Kors ta' Kana u membri oħra tal-Kummissjoni Familja |
| **Il-Ħamis 8** | 7.30pm Kummissjoni Djakonija |
| **Is-Sibt 10** | **S. Benedittu Abbati, Patrun ta' l-Ewropa**<br>7.45pm Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija |
| **It-Tlieta 13** | *Outreach open air* mill-Grupp Mt Tabor Ta' Giorni |
| **Il-Ħamis 15** | **S. Bonaventura, Isqof u Duttur tal-Knisja**<br>7.30pm Grupp *Fund Raising* |
| **Il-Ġimgħa 16** | **Verġni Marija Tal-Karmnu** |
| **It-Tnejn 19** | 7.30pm Kummissjoni Liturġija |
| **L-Erbgħa 21** | **l-Ewwel Anniversarju mill-bidu tal-ħidma ta' Fr Claude bħala kappillan** |
| **Il-Ħamis 22** | **S. Marija Maddalena**<br>7.30pm Laqgħa tas-Segretarji |
| **Il-Ġimgħa 23** | **S. Briġida ta' l-Isvezja, ko-patruna ta' l-Ewropa** |
| **Is-Sibt 24** | 7.45pm Quddiesa taż-Żgħażagħ - Y4J |
| **Il-Ħadd 25** | **Is-17-il Ħadd tas-Sena**<br>7.00pm Quddiesa Anniversarju Żwieġ |
| **It-Tlieta 27** | **It-Tmien Anniversarju ta' l-Ordinażżjoni ta' Fr. Claude Portelli** |
| **Is-Sibt 31** | **S. Injażju ta' Loyola** |

*Nilqgħu fostna lis-seminarista Sergio Fenech mill-parroċċa ta' San Sebastjan Ħal Qormi li se jkun qed jagħmel l-esperjenza tas-sajf fil-parroċċa tagħna. Sergio huwa seminarista li għadu kemm temm l-ewwel sena tal-formazzjoni tiegħu fil-parroċċa. Perswaz li lkoll se ngħinu lil Sergio sabiex ikollu esperjenza pożittiva fil-parroċċa tagħna.*

# Id-Dieta

Illum il-ġurnata sirna noqogħdu ħafna aktar attenti għal dak li nieklu u d-dieta, fis-sens wiesa' tagħha, saret waħda mill-argumenti li fuqhom nitkellmu ħafna, iktar u iktar issa li wasal is-sajf! U hekk għandu jkun, għaliex aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb il-ġisem tagħna li permezz tal-magħmudija sar tempju tal-Ispirtu s-Santu, post privileġġjat fejn jgħammar Alla.

Iżda tajjeb niftakru li fil-bniedem hemm żewġ dimensjonijiet: dik naturali u dik spiritwali, li flimkien jagħmlu bniedem sħiħ. Jekk aħna tassew nixtiequ ngħixu l-ħajja tagħna fil-milja tagħha, allura jeħtieġ nieħdu ħsieb dawn iż-żewġ dimensjonijiet li hemm fina. Hija tassew ħasra li ħafna drabi, aħna ninkwetaw immens fuq id-dimensjoni naturali, fuq kif nidhru, imma ftit li xejn nagħtu kas ta' dik spiritwali li teħtieġ hija wkoll id-dieta partikolari tagħha, jekk irriduha tibqa' b'saħħitha.

Bla dubju it-talb, il-qari tal-Iskrittura mqaddsa, il-qrar u l-Ewkaristija huma fost l-elementi l-aktar importanti li jiffurmaw dieta bilanċjata u tajba għall-ħajja spiritwali tagħna. Din id-dieta issib il-qofol tagħha fl-Ewkaristija fejn Ġesù jingħata għalina bħala ikel li jmantni lir-ruħ. Hekk kif l-ikel materjali jqawwi u jkabbar il-ġisem tagħna, kif jgħid San Iljun il-Kbir "*il-parteċipazzjoni tagħna fl-Ewkaristija ma tagħmel xejn aktar ħlief li tibdilna f'dak li nirċievu*". B'dan il-mod, l-Ewkaristija ssir fi kliem Sant'Irinew "*il-garanzija tal-ħajja eterna*", l-ikbar don li tana Alla.

Issa li wasal is-sajf, tajjeb li nfittxu ħin għall-mistrieħ tagħna. Però niftakru wkoll li l-ħajja spiritwali m'għandhiex vaganzi! Għalhekk it-talb, l-Ewkaristija u l-qrar għandhom ikollhom ukoll il-ħin tagħhom fil-pjanijiet tagħna.

Aħna nħossuna f'sikkitna tassew meta nieħdu ħsieb taż-żewġ dimensjonijiet li hemm fina. Hekk biss id-*dieta* tagħna tkun tassew bilanċjata!

**PARROĊĊA SAN ĠILJAN**
**Lulju 2010**

**KAPPILLAN**
Fr Claude Portelli

**INDIRIZZ**
Uffiċċju Parrokkjali,
Triq Lapsi,
San Ġiljan

**TEL:** 2138 0270

**WEBSITE**
www.stjuliansparish.net

**L-Uffiċċju Parrokkjali jkun miftuħ it-Tnejn, it-Tlieta u l-Ħamis mill-5.00 sas-6.30 p.m.**

**ĦINIJIET TAL-QUDDIES TA' MATUL IL-ĠIMGĦA**
**Filgħodu: 7.00, 8.15 u 9.15.**
**Filgħaxija: 6.30**
**SIBTIJIET:**
**Filgħaxija: 6.30 u 7.45**
**ĦDUD:**
**Filgħodu: 8.00, 9.30, 11.00 u 12.15**
**Filgħaxija: 6.30**

***Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej***
*- salm 34:7*

# Sala Papa Ġwanni Pawlu II

Fis-27 ta' Mejju li għadda l-parroċċa ċċelebrat l-għoxrin anniversarju miż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fostna. Għal dan l-avveniment kellna fostna lil Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca li mexxa konċelebrazzjoni fil-knisja parrokkjali flimkien mal-kappillan u saċerdoti oħra li qed jgħinu fil-parroċċa. Wara l-quddiesa ġiet inawgurata s-Sala l-ġdida tal-konferenzi li ġiet imsemmija propju għal Papa Ġwanni Pawlu II. Din is-sala li tinsab fuq is-sagristija hija mgħammra bil-faċilitajiet kollha li jkun hemm bżonn għall-konferenzi kif ukoll kitchenette adattata. L-għan aħħari ta' din is-sala huwa li sservi bħala post fejn ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat kollha tal-formazzjoni fil-parroċċa għall-membri tal-komunita' sabiex tkompli tinbena l-komunità tagħna.









